# ID-DNUB

Sajfek, ja Malta, rah jimraħ fuq xtutek
mistur fil-frugħa tal-pjaċiri żienja,
Dieħ u sieket il-mewġ, xhud ieħor, semgħu
qarrieq iwiegħed ħolm ta' ħajja hienja.

*

Sħab oħxon lewn iċ-ċomb satar is-sema:
għadab u ħrax u ħebb il-mewġ għall-plajja:
ħalel kbar t'ilmijiet kinsu bi qlielhom
kullfejn kien baqa' ta' dad-Dnub it-tbajja'.

*

Ma kienx biżżejjed. Biex imur kull atar
tad-Dnub li f'Malta wkoll rabba s-sadid,
kienet tinħtieġ xita ta' ħerba u qerda—
xita taħraq t'azzar u ta' ħadid!

K. Vassallo

Ott.-Nov.—'42